# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' Lulju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvin Camilleri)**
**vs**
**Islam Ahmed Sarag**
**Mehdi Naffassi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Islam Ahmed Sarag**, ta' 32 sena, iben Ahmed u Hamdija bint Ali imwieled Baheri, l-Egittu nhar l-1 ta' Marzu, 1988 u residenti f'Malta, Safi Barracks u detentur ta' Police number 20CC-023; u

**Mehdi Naffassi**, ta' 20 sena, iben Abbas u Hadija Nuwiwas, imwieled El Kelaa Des Sraghna, il-Marokk, nhar it-2 ta' Gunju, 2000 u residenti f'Malta, Safi Barracks u detentur ta' Refcom number 29678 u Police number 20A-089.

Akkuzati talli f'Hal Safi u/jew bi bnadi ohra f'Malta nhar l-24 ta' Lulju, 2020 bil-lejl harbu minn lok mahtur ghall-kustodja meta kienu mizmuma skond il-Ligi;

U lil **Islam Ahmed Sarag** wahdu:

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi agixxa kontra l-ordni moghtija lilu mis-Supretendent tas-Sahha Pubbliku li rristringietlu l-moviment tieghu ai termini ta' l-Artikolu 13 tal-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard (Kap 36).

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati kull wiehed mill-imputati, u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Islam Ahmed Sarag** hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghha tikkundannah **sitt xhur prigunerija**.

Wara li rat l-artikoli 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Mehdi Naffassi** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah **sitt xhur prigunerija u multa ta' mija u sittax il-Euro (€116)**.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**